# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar 2025**

**Numru: 2**

**Rikors numru 153/2017/1 AGV**

**AB**

**v.**

**CD**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza minn appell imressaq mill-konvenut CD wara sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-23 ta' April, 2024, fejn *inter alia* l-Qorti (i) ippronunzjat is-separazzjoni personali tal-partijiet, bi ħtija taż-żewġ kontendenti minħabba sevizzi u minaċċi fil-konfront ta' xulxin; (ii) ikkundannat lill-esponent iħallas manteniment lill-

attriċi fis-somma ta' mitt ewro (€100) fix-xahar; (iii) xoljiet il-komunjoni tal-akkwisti u (iv) filwaqt li ddikjarat illi d-dar matrimonjali hija proprjetà parafernali tal-konvenut, ordnat illi din tiġi diviża f'żewġ fondi separati.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-28 ta' Ġunju, 2017, l-attriċi fissret li l-partijiet iżżewġu fid-9 ta' Mejju 1971 fil-Knisja Parrokkjali tal-Ħamrun u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, li llum huma maġġorenni. Tispjega illi ż-żwieġ tagħhom sar wieħed impossibli, u dana minħabba ragunijiet imputabbli lill-intimat żewġha fosthom swat, abbuż, vjolenza emozzjonali u finanzjarja, u eċċessi, tant li hi kellha tallontana ruħha mid-dar matrimonjali. Fid-dawl ta' dan kollu u wara li ġabet l-awtorizzazzjoni neċessarja sabiex tipproċedi bil-proċeduri relattivi mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-istess Qorti sabiex:

> *"1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet gravi u tortijiet unikament lill-konvenut.*
> *2. Tiffissa u tillikwida manteniment li l-konvenut ghandhu jhallas manteniment favur l-esponenti.*
> *3. Tiddikjara liema huma l-beni immobbli u mobbli dotali jew parafernali u dawk li saru waqt iz-zwieg li huma tal-attrici hekk kif jirrizulta waqt t-trattazzjoni tal-kawza u li tordna lill-konvenut sabiex jikkostitwixxi lill-attrici tali beni dotali jew parafernali jew tal-komunjoni tal-akkwisti taghha u dan minn din l-Onorabbli Qorti.*
> *4. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsub fl-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta u tapplika kontrih*

*interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta."*

3. Il-konvenut ressaq risposta ġuramentata nhar il-25 ta' Lulju 2017 fejn filwaqt illi qabel li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u l-attriċi, dan mhux minħabba ħtija li tista' tiġi attribwita lilu iżda bi ħtija tal-attriċi stess, minħabba abbandun, eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi. Il-konvenut ippreżenta wkoll kontrotalba *in linea* ta' rikonvenzjoni fejn talab lil din Qorti:

1. *"Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici;*
2. *Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett minn dik id-data li l-attrici abbandunat lill-esponent, jew kull data ohra li tigi stabbilita, tillikwida l-istess komunjoni u tassenja l-parti spettanti lil kull naha wara li tqis il-krediti tal-esponent rikonvenzjonant kontra l-komunjoni likwidati kif fuq inghad, b'dan li l-attrici, minhabba lhtijiet taghha u b'applikazzjoni tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili, m'ghandhiex tinghata sehem mill-akkwisti maghmula mill-esponent rikonvenzjonant minn dik id-data li tistabilixxi din il-Qorti.*
3. *Tikkundanna lill-attrici sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, tikkonsenja lill-esponent rikonvenzjonant l-oggetti kollha parafernali, inkluzi flus u krediti ohra, u fin-nuqqas, tikkundannaha thallas lill-esponent rikonvenzjonant il-valur taghhom, okkorrendo permezz ta' perit nominandi.*
4. *Tiddikjara, jekk ikun hemm bzonn, li d-dar fejn jirresjedi l-esponent rikonvenzjonant tappartjeni lilu wahdu fi pjena u assoluta proprjeta', u li lattrici ma ghandha ebda jedd fuqha.*
5. *Tiddikjara li l-attrici ddekadiet minn kull dritt li titlob jew tircievi manteniment minghand l-esponent.*

6. *Tapplika kontra l-attrici d-disposizzjonijiet tal-artikoli tmienja u erbghin (48), wiehed u hamsin (51), tnejn u hamsin (52) u tlieta u hamsin (53) tal-Kodici Civili."*

4. B'sentenza mogħtija nhar it-23 ta' April, 2024, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet il-kawża billi:

*"1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tawtorizza s-separazzjoni bejn il-konjugi C minhabba li l-kontendenti rrendew ruhhom hatja ta' sevizzi u minacci kommessi fil-konfront ta' xulxin.*
*2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici ssomma ta' mitt Euros (€100) fix-xahar bhala manteniment.*
*3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna lill-konvenut jerga' jghaddi f'idejn l-attrici d-dehebijiet parafernali taghha kif fuq imfisser. Inoltre, tordna llikwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.*
*4. Tichad ir-raba' talba attrici.*

*Kontro-Talba*

*1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba u tippronunzja s-separazzjoni bejn ilkonjugi Cucciardi peress li l-kontendenti rrendew ruhhom hatja ta' sevizzi u minacci fil-konfront ta' xulxin.*
*2. Tilqa' t-tieni kontro-talba u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni talkomunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.*
*3. Tichad it-tielet kontro-talba stante ma jirrizultatx proprjetà parafernali tal-konvenut.*
*4. Tichad ir-raba' kontro-talba stante dak li gie deciz rigward id-dar matrimonjali fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.*
*5. Tichad il-hames kontro-talba.*

*5. Tichad is-sitt kontro-talba.*

*Tahtar lill-Perit Mario Axisa sabiex jippresenta rapport dwar kif il-proprjetà imsemmija tigi komodament divizibbli, u min mill-partijiet ser jirresjedi f'liema parti, hekk kif gia' deciz fis-sentenza. L-ispejjez tal-Perit u tax-xoghlijiet in kwistjoni ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet."*

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi kif indikat *sopra* huma s-segwenti:

*"Responsabbilita'*

*omissis*

*Wara li analizzat il-provi, il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-kontendenti t-tnejn ikkontribew ghat-tifrik taz-zwieg u dan minhabba problemi ta-lloghob tal-attrici li ghalkemm mhux akuti. Ikkontribwew ghal problemi ukoll id-dejn li beda jkollu l-konvenut minhabba n-nuqqas ta' xoghol ta' mastrudaxxa u beda jahdem ta' tellar. Zgur li l-problemi waslu ghal tensjoni kontinwa fir-relazzjoni taghhom bil-konvenut isir aggressiv, tant li bint l-attrici gabret lil ommha maghha sabiex tevita xi inkwiet ikbar. Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkonkludi li t-tifrik taz-zwieg sehh minhabba sevizzi u minacci da parti tal-kontendenti fil-konfront ta' xulxin.*

*Manteniment*

*omissis*

*L-attrici qed tinsisti li ma setghetx tircievi pensjoni tajba peress li minkejja li dejjem ghenet lill-konvenut qatt ma kienet impjegata u qatt ma thallset tas-servizzi rezi. Il-pretensjoni tal-attrici ma treggix peress jekk kienet qed tghin lir-ragel, li skond il-konvenut kienet biss tghinu tnaddaf il-karozzi, dan kien qed isir minhabba li hija mart il-konvenut u ghalhekk ex gratia. Jirrizulta li l-konvenut ghadu jahdem fuq ftit karozzi bhal sprejer u*

*dan ikkonfermah hu stess, iktar ghax huwa dilettant milli xi haga ohra u ghalhekk huwa gust li jikkontribwixxi b'mod zghir hafna lejn il-manteniment tal-attrici u cioe' jhallas €100 fix-xahar. Ghaldaqstant, il-konvenut jibqa' responsabbli jhallas manteniment lill-attrici fis-somma ta' €100 fix-xahar u dan tenut kont tal-fatt li huwa pensjonant u l-introjtu tieghu huwa ftit wisq.*

*Komunjoni tal-Akkwisti*

*Deheb*

*Omissis*

*L-attrici tinnega li l-konvenut kien taha dan id-deheb kollu, pero' l-verzjoni taghha ma tirrizultax konvincenti u dan wara li semmiet li kienet bieghet l-par fili sabiex tixtri rigal ghan-neputi peress li kienet ser tkun il-parrina tieghu, filwaqt li l-istess konvenut jikkonferma li kien taha biss curkett tad-djamanti, barbazzal, par fili u xi msielet ohrajn. Dwar id-deheb ighid li kien tal-attrici kien refghu u dwar dawk li gabet qabel iz-zwieg kien tah lura curkett tad-djamanti, barbazzal, par fili u xi msielet ohrajn. Ghaldaqstant, il-konvenut ghandu jrodd lura d-dehebijiet l-ohra li fadal u li jammetti hu stess qedghin ghandu.*

*Vetturi*

*Omissis*

*Il-Qorti ma tistax taqbel mal-pretensjoni attrici ghaliex hafna minn dawn il-vetturi kienu ghandu fiz-zmien li kienu jghixu flimkien u fil-maggorparti gew iggaraxxjati jew scrapped fiz-zmien li kienu ghadhom flimkien, Jirrizulta pero' li llum il-konvenut ghad ghandu erba' vetturi rregistrati fuq ismu u dawn huma;-*

*i) Piaggio Typhoon *** ****

*ii) Fiat Uno *** ****

*iii) Honda *** *** ****

*iv) Toyota **** ** *** ****

*Dawn il-vetturi lkoll ghandhom iktar minn ghoxrin sena fuqhom u ghalhekk il-valur taghhom huwa minimu u ghaldaqstant is-somma ta' €400*
*bhal sehem l-attrici tal-istess vetturi jirrizulta 'l fuq minn sufficjenti.*

*Kontijiet Bankarji*

*Dwar il-kontijiet bankarji ma jirrizultax li hemm ammonti sostanzjali fil-kontijiet u ghalhekk kulhadd ghandhu jzomm il-kontijiet tieghu.*

*Dar Matrimonjali*

*omissis*

*Prezentement l-attrici qiedgha tghix fid-dar matrimonjali u l-konvenut fil-garaxx li jikri. Il-Qorti trid tikkunsidra ukoll li llum il-kontendenti huma pensjonanti u mhumiex ta' eta' zghira fejn jistghu jiehdu self mill-bank. Ghalhekk jekk dina l-Qorti jkollha tordna l-izgumbrament tad-dar ta' wiehed mill-kontendenti wiehed zgur jispicca minghajr saqaf fuq rasu.*

*Omissis*

*Ghalhekk, in sostenn ta' dan, l-ahjar arrangjament ikun dak li jinhatar perit sabiex jiddividi l-istess proprjetàb'mod komodament divizzibbli, b'tali mod li l-kontendenti t-tnejn jibqghu jghixu hemm u dan tenut taccirkostanzi u l-eta' tal-partijiet. Dan ma jfissirx li l-attrici qed tigi assenjata nofs il-proprjeta', izda biss li ghandha dritt tirrisjedi fiha vita durante.Tenut kont ghalhekk tac-cirkostanzi, sakemm il-meters tad-dawl u ilma jistghu jigu installati separatament, il-konvenut ghandu jkun responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet tad-dawl u ilma."*

7. Permezz tal-appell tiegħu l-konvenut talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi billi:

*"A. Tħassarha in kwantu:*

*(i) fil-korp tas-sentenza appellata indikat l-indirizz tal-fond parafernali tal-esponent li serva bħala d-dar taż-żwieġ tal-partijiet bħala "** ***** **** ***** ******", u minflok tindikah bl-indirizz korrett "** ******* **** ***** ******, ******;"*

*(ii) laqgħet it-tieni talba prinċipali tal-attriċi appellata u kkundannat lill-esponent iħallasha s-somma ta' mitt euro (100) fix-xahar bħala manteniment u minflok tiċħad l-istess talba;*

*(iii) laqgħet it-tielet talba attriċi u dan limitatament għal kwantu tat dritt ta' abitazzjoni vita durante lill-attriċi appellata f' parti diviża li għad trid tiġi determinata u tinħoloq mill-fond "** ******* **** ***** ******, ******; ordnat il-qasma fiżika tal-istess fond parafernali tal-esponent, u għal dan il-għan ħatret perit sabiex jiddividi l-istess proprjetà b'mod komodament diviżibbli, b'tali mod li l-kontendenti t-tnejn jibqgħu jgħixu hemm; u kwantu ordnat li sakemm il-meters tad-dawl u ilma jistgħu jiġu installati separatament, l-esponent jibqa' responsabbli għall-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma, u minflok tħassar għal kollox dawn l-ordnijiet u provvedimenti u għalhekk għall-bqija tiċħad it-tielet talba attriċi;*

*(iv) laqgħet it-tieni kontro-talba tal-esponent, limitatament biss għal kwantu tat dritt ta' abitazzjoni vita durante lill-attriċi appellata f'parti diviża li għad trid tiġi determinata , u tinħoloq mill-fond"** ******* **** ***** ******, ******; ordnat il-qasma fiżika tal-istess fond parafernali tal-esponent u għal dan il-għan ħatret lill-Perit Mario Axisa biex jippreżenta rapport dwar kif il-proprjetà imsemmija tiġi komodament diviżibbli, u min mill-partijiet ser jirrisjedi f'liema parti, bl-ispejjeż tal-Perit u tax-xogħlijiet jinqasmu bejn il-partijiet; u kwantu ordnat li sakemm il-meters tad-dawl u ilma jistgħu jiġu installati separatament, l-esponent jibqa' responsabbli għall-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u minflok tħassar għal kollox dawn l-ordnijiet u provvedimenti;*

*(v) ċaħdet it-tielet u r-raba' talbiet rikonvenzjonali tal-esponent, u minflok tilqa' l-istess kontrotalbiet u tikkundanna lill-attriċi appellata*

*sabiex b'mod immedjat, tivvaka mill-fond parafernali tal-esponent* ** ******* **** ***** ******, ******, *u tirrilaxxjah battal u f'kundizzjoni tajba favur l-esponnet;*

*(vi) ċaħdet il-ħames talba rikonvenzjonali u minflok tilqa' l-istess talba rikonvenzjonali tal-esponent;*

*B. u tikkonfermaha għall-bqija."*

8. L-appellant ħassu aggravat bil-motivazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti fir-rigward tas-segwenti tliet (3) aggravji:

(i) Ma kienx hemm lok li l-Ewwel Qorti tordna manteniment għall-attriċi;

(ii) L-Ewwel Qorti ma kellha tagħti ebda dritt ta' abitazzjoni lill-attriċi fil-fond matrimonjali u minflok kellha tippref iġġi terminu qasir u perentorju li fih tiżgombra mill-istess fond u tirrilaxxah battal favur l-appellant;

(iii) L-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ppreżumiet li dan il-fond huwa komodament diviżibbli u ordnat li d-dar matrimonjali għandha tiġi diviża *stante* li ma saret l-ebda talba jew prova mill-attriċi appellata dwar dan, *oltre* li rriżulta pruvat li l-kontendenti m'għandhomx il-meżżi finanzjarji.

9. L-appellata wieġbet għal dan l-appell fid-29 ta' Awwissu, 2024, u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn hija temmen li l-appell tal-appellant għandu jiġi miċħud filwaqt illi s-sentenza appellata, timmerita illi tiġi konfermata.

10. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

*L-Aggravji*

11. Permezz tal-**<u>ewwel aggravju</u>** tiegħu, il-konvenut appellant jispjega illi bi qbil bejn il-partijiet, sa minn qabel il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, ġie deċiż illi l-pensjoni u l-benefiċċji soċjali pagabbli mill-Istat lilu jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Filfatt is-somma relattiva titħallas lilhom separatament mill-istess dipartiment, b'mod li l-introjtu taż-żewġ partijiet huwa ugawali u limitat għal dan l-istess dħul biss *stante* li llum il-partijiet ghandhom età relattivament avvanzata. Fid-dawl ta' dan, ma hemmx lok għall-ħlas ta' manteniment bejn il-partijiet. L-appellant jafferma illi ġaladarba l-Ewwel Qorti sabet illi entrambi l-partijiet huma responsabbli ndaqs għall-firda, din il-Qorti kellha tiddikjara li l-partijiet iddekadew mill-jeddijiet elenkati fl-Artiklu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

12. Min-naħa l-oħra, l-appellata spjegat illi kif anke osservat mill-Ewwel Qorti, ftit wara li l-kontendenti żżewġu, hi kienet waqfet taħdem għal kollox sabiex tista' tiffoka fuq il-familja tagħhom, b'dana illi tul iż-żwieġ

tagħhom kienet dejjem tiddependi fuq żewġha minkejja li għalkemm qatt ma kienet mħallsa tas-servizzi tagħha, kienet dejjem tgħin lil żewġha f'xogħlu. Żiedet illi żewġha qatt ma kien wieħed li jħobb jiftaħ idejh meta niġu għall-flus anke għaliex kien jaħseb li l-attriċi ser tuża dawn il-flus biex issostni l-viżżju tagħha tal-logħob.

13. Mill-korp tas-sentenza appellata jidher illi l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi l-attriċi ressqet provi konvinċenti li l-konvenut ma tantx kien jiftaħ idejh magħha. Huwa *ormai* aċċettat illi l-Qorti għandha d-dmir li teżamina sewwa l-provi mressqa. Huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konklużjonijiet ta' kif ġraw il-fatti in kwistjoni jiġu evalwati sewwa u interpretati skont il-liġijiet tagħna u l-ġurisprudenza l-aktar riċenti u kostanti fil-materja *[App.C Attard v. Direttur tas-Sahha, 31 Mejju 2014 citata b'approvazzjoni fil-kawza App.C, 31 April 2014].*

14. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva illi l-Ewwel Qorti ma applikatx id-dettami tal-Artikolu 48 *et seqq*., u filfatt ċaħdet t-talbiet rispettivi tal-partijiet f'dan ir-rigward. Tagħraf ukoll illi fil-korp tas-sentenza l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti spjegazzjoni għal tali ċaħda. Din il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-riżultanzi probatorji in atti, u tqis illi hi ma tistax tikkondividi l-fehma tal-Ewwel Qorti.

15. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tissottolinea illi x-xiehda tal-attriċi fir-rigward tal-aġir ta' żewġha fil-konfront tagħha f'ċertu aspetti hija pjuttost

konflinġenti. Il-Qorti rat illi filwaqt li f'ċertu istanzi l-appellata affermat illi hi u żewġha rari kien ikollhom xi jgħidu, f' okkażjonijiet oħra xehdet illi żewġha kien jiġġieled magħha fuq l-allegat vizzju tagħha tal-logħob, fuq l-allegat indħil da parti tagħha f'affarijiet li jikkonċernaw il-familjari tiegħu. Spjegat ukoll illi kien inqala' argument minħabba xi karti rigwardanti l-mediċina li kellu jieħu l-appellant u li kienet taqla' s-swat mingħand żewġha għal xejn b'xejn. Xehdet ukoll illi hi qatt ma marret il-casino waħedha, u marret biss meta ħadha żewġha. Sussegwentement però fuq insistenza tal-avukat difensur tal-appellant, affermat illi kien hemm okkażjoni fejn hi marret il-casino ma' xi ħbieb tagħha biex tiekol u mhux biex tilgħab.

16. Il-Qorti rat ukoll illi fit-testimonjanza tagħha l-appellata xehdet ukoll illi żewġha kien joħodha għal *drink* u anke ġieli ħadha l-Belt tilgħab it-tombla minkejja li kienet taqbiżlu hemm. Mill-atti jirriżulta wkoll illi l-attriċi sa minn qabel ma ġew istitwiti l-proċeduri ġudizzjarji għas-separazzjoni personali, kienet diġà qiegħda tirċievi nofs il-pensjoni perċepita mill-appellant. Xehdet ukoll illi wara li żewġha ġie *boarded out,* kienet hi li kienet tiffirma atti ta' natura ċivili u dan minkejja li fl-ewwel testimonjanza tagħha affermat illi hi ma tafx taqra. Ikkonfermat ukoll illi hi kienet tigbed il-flus mill-bank biex imbagħad ittihom lil żewġha.

17. Il-Qorti tosserva illi ħadd minn ulied il-partijiet fit-testimonjanza tagħhom ma qal illi missierhom kien xħih fil-flus, għalkemm affermaw illi

fi stadju partikolari missierhom beda jkun aggressiv mal-attriċi. Fl-aħħar testimonjanza tagħha, bint il-partijiet EF a fol 401 *et seqq*., affermat illi minħabba ġrajjiet li seħħew ma' entrambi ġenituri, hi m'għadhiex f'kuntatt magħhom, iżda xehdet illi l-partijiet dejjem ħadmu flimkien u dejjem għenu lil xuxlin, u kull ma għamlu dejjem għamluh flimkien. Żiedet illi jekk kienu joħorġu, kienu joħorġu flimkien, u hi u oħtha kienu joħorgu magħhom. Xehdet ukoll illi ommha għandha d-delizju tat-tombla.

18. Din il-Qorti ħadet l-impressjoni illi l-Ewwel Qorti akkordat manteniment favur l-attriċi minħabba l-fatt li l-appellant kien iħalli lill-istess attriċi nieqsa mill-flus. Fl-istess ħin l-Ewwel Qorti osservat illi l-appellata għalkemm ma kellhiex problema akuta, kienet tħobb tilgħab. Il-Qorti ma tqisx illi t-testimonjanza tal-appellata, hija tali li tikkonvinċiha sal-grad probatorju rikjest mil-liġi mill-kamp ċivili illi hija kienet vittma da parti ta' żewġha jew li żewġha kien bniedem xħiħ. Bint il-partijiet xehdet illi sakemm iż-żwieġ kien wieħed feliċi, il-koppja dejjem ħarget flimkien kif wara kollox jirriżulta mix-xhieda tal-attriċi stess u kien biss meta l-affarijiet ħadu żvolta negattiva li l-partijiet ma għarfux ikunu ta' għajnuna u sostenn għal xulxin, tant li rrendew l-konvivenza waħda insopportabli għal xulxin.

19. Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet magħmula, il-fatt illi l-partijiet instabu ħatja għat-tifrik taż-żwieġ, il-kontradittorjetà fix-xhieda tal-attriċi, u l-fatt li l-pensjoni tal-konvenut diġà kienet qiegħda tiġi ugwalment diviża bejn il-partijiet, din il-Qorti ma tqisx illi l-konvenut kellu jiġi ordnat iħallas

ukoll manteniment lill-attriċi, u dan minkejja li dan l-ammont huwa wieħed żgħir.

20. Il-Qorti tosserva illi t-tieni u t-tielet aggravju huma dwar id-dar matrimonjali. Għalhekk din il-Qorti sejra tittratta t-tieni u t-tielet aggravji flimkien.

21. Permezz tat-**<u>tieni u t-tielet aggravju</u>** tiegħu l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta fil-konklużjoni tagħha u bil-provi li kellha quddiemha, tat lill-attriċi d-dritt ta' abitazzjoni f'parti diviża tad-dar, minkejja li l-Ewwel Qorti stess irrikonoxxiet li d-dar hija parafernali tal-appellant. Żied jispjega illi l-appellata minn jeddha għamlet ħmistax-il sena tabita barra mid-dar u dan mingħajr l-iċken prova tal-ħtieġa għal dan l-allontanament. Saħaq illi tenut kont tal-età tagħhom, u anke ċ-ċirkostanzi tagħhom, il-konvivenza taħt l-istess saqaf, ser jagħti lok biss għal diżgwid u nkwiet. *In oltre*, l-appellant jikkontendi illi ma tressqet l-ebda prova li d-dar hija komodament diviżibbli, u lanqas ma saret talba mill-attriċi sabiex tingħata dritt ta' abitazzjoni f'parti diviża minnha iżda talbet biss kumpens għall-allegati xogħlijiet u miljoramenti. Jafferma illi l-Qorti qatt ma tista' toħroġ 'il barra mil-limiti tad-dibattiment li jkunu stabbilew il-partijiet infushom, b'dana illi għalhekk l-Ewwel Qorti marret *extra petita.* Żied illi huwa kien prekluż milli jressaq provi fuq l-impossibbiltà tad-diviżjoni tal-fond matrimonjali għaliex din il-kwistjoni qatt ma kienet tifforma parti mill-mertu tal-litiġju.

22. L-appellata b'referenza għat t-tieni u t-tielet aggravji tirrileva illi l-allontanament tagħha mid-dar matrimonjali kien minħabba l-abbuż fiżiku u emozzjonali da parti ta' żewġha, u filfatt kienet bintha stess li ħaditha magħha barra mid-dar matrimonjali. Tispjega wkoll illi minħabba l-età tagħha, hija ser tkun prekluża milli tieħu self mingħand il-Bank, u kien għalhekk li pproponiet lill-Ewwel Qorti illi tingħata d-dritt ta' abitazzjoni *vita durante* fid-dar matrimonjali billi dan l-istess fond jiġi diviż.

23. Fl-ewwel lok il-Qorti tippreċiża illi l-fond matrimonjali jgib is-segwenti indirizz: *"**, *******, **** ***** ****** ******"* u mhux *""** ***** **** ***** ******".* Permezz ta' dawn iż-żewġ aggravji, l-appellant qiegħed jilmenta mis-segwenti punti: (i) id-dritt ta' abitazzjoni mogħti lill-appellata; (ii) id-diviżjoni tal-fond matrimonjali ma kinitx kontemplata fit-talbiet hekk kif dedotti mill-partijiet, b'dana illi l-Ewwel Qorti marret *extra petita*; (iii) ma nġabet l-ebda prova dwar il-possibbiltà tal-qasma fiżika.

*(i) Id-Dritt ta' Abitazzjoni mogħti lill-Appellata;*

24. Permezz tas-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti minkejja li rrikonoxxiet illi l-proprjetà in kwistjoni hija proprjetà parafernali tal-appellant, ikkonċediet dritt ta' abitazzjoni *vita durante* lill-appellata. L-Artiklu 55A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi:

*"55A.(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha, fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet, tordna, skont iċ-ċirkostanzi:*

*(a) li xi parti minnhom għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, u għal dak il-perjodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa; jew*

*(b) li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xieraq; jew*
*(ċ) fejn id-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni liż-żewġ partijiet, li tassenja d-dar taż-żwieġ lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-parti l-oħra għat-telf finanzjarju soffert:*

*Iżda f'kull każ, il-qorti għandha tqis dan li ġej:*

*(a) l-aħjar interess tal-ulied minuri, inkluż l-impatt li jista'jkun hemm fuq l-ulied minuri jekk tilqa' talba magħmula skont dan l-artikolu;*

*(b) il-ġid tal-partijiet u tal-ulied; u*
*(ċ) jekk il-partijiet għandhomx, jew jekk bil-mezzi u l-ħiliet tagħhom jistax ikollhom, post ieħor fejn jgħixu.*

*(2) Il-qorti tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tibdel deċiżjoni meħuda minnha skont l-artikolu (1)(a), fejn ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi.*

*(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3A(2) ma japplikax fir-rigward ta' miżżewġin li jkunu legalment separati, sakemm il-kuntrarju ma jkunx ġie miftiehem mill-miżżewġin jew ordnat mill-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni li tagħti s-separazzjoni personali; udak il-ftehim jew ordni ma jkollux seħħ kontra terzi ħlief mill-waqtli dak il-ftehim jew ordni jkun ġie mniżżel fir-Reġistru Pubbliku."*

25. Huwa ben aċċettat illi:

*"….d-dritt ghall-abitazzjoni fid-dar matrimonjali huwa wiehed ferm importanti u f'kawza ta' separazzjoni personali ma jistax jigi assenjat bhal li kieku kien xi partita ordinarja tal-gid fl-assi parafernali jew fl-assi tal-komunjoni. Id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili partikolarment l-*

*Artikolu 3A ta' l-istess Kodici, jindikaw li d-dar taz-zwieg hija meqjusa fuq livell differenti minn partiti ohra li jkunu jippossjedu l-konjugi. Hija ghalhekk il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, li meta l-Qorti tkun sejra tassenja d-dar matrimonjali lil xi hadd mill-partijiet f'kawza ta' separazzjoni personali hija ma tkunx marbuta essenzjalment mal-kwistjoni ta' min mill-partijiet ikollu t-titolu legali ta' dik l-istess dar matrimonjali.*

*Invece, dak li huwa importanti meta l-Qorti taghmel tali assenjazzjoni huwa li l-gudikant jikkunsidra l-aspetti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-konsiderazzjonijiet ta' min miż-żewg konjugi jahti ghat-tifrik taz-zwieg, kif ukoll x'jehtieg li jsir fl-interess ewlieni tal-familja nnifisha biex dak li jkun baqa' min-nukleju familjari wara l-istess tifrik taz-zwieg, kemm jista' jkun jigi preservat fl-interess tal-membri kollha ta' l-istess familja."*[1]

26. Il-ġurisprudenza dejjem kienet konkordi: id-dar matrimonjali bħala d-dar taż-żwieġ minn dejjem kienet meqjusa fuq livell differenti minn assi oħra tal-konjuġi. Huwa pależi illi l-Qorti tista' tattwa dak stipulat fl-Artikolu 55A lil hinn mit-titolu li l-partijiet għadhom, jew li parti tokkupa l-fond b'mod esklussiv proprju għaliex il-fond ġie magħżul mill-partijiet bħala d-dar matrimonjali tagħhom. Dan isegwi illi ż-żewġ partijiet għandhom drittijiet fuqu irrispettivament mill-oriġini u/jew mit-titolu tal-fond jew min fattwalment ikun qed jokkupah.

27. Għalhekk l-Ewwel Qorti meta ordnat illi l-appellata għandha dritt li tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali diviża fi tnejn *vita durante*, m'għamlet xejn għajr li applikat is-setgħat mogħtija lilha mil-leġislatur. Jibqa' fatt

[1] **Mary Mamo vs Carmelo sive Charlie Mamo** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar it-28 ta' Settembru 2007.

indiskuss li l-proprjetà kienet, għadha u tibqa' tappartjeni lill-appellant.

28. Għalhekk u sa fejn dan l-aggravju jitratta dan il-punt, il-Qorti ma ssibx illi huwa wieħed fondat.

*(ii) Id-diviżjoni tal-Fond Matrimonjali ma kinitx kontemplata fit-talbiet hekk kif dedotti mill-partijiet, b'dana illi l-Ewwel Qorti marret ultra petita:*

29. Mill-atti jirriżulta illi permezz tat-tielet talba kif dedotta fir-rikors promotur, l-attriċi talbet lill-Ewwel Qorti: *Tiddikjara liema huma l-beni immobbli u mobbli dotali jew parafernali u dawk li saru waqt iz-zwieg li huma tal-attrici hekk kif jirrizulta waqt t-trattazzjoni tal-kawza u li tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali jew parafernali jew tal-komunjoni tal-akkwisti taghha u dan minn din l-Onorabbli Qorti.*

30. Da parti tiegħu, l-appellant permezz tal-kontrotalba talab lill-Ewwel Qorti tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti u tillikwida l-istess komunjoni, filwaqt illi tassenja l-parti spettanti lil kull naħa wara li tqis il-krediti tiegħu kontra l-komunjoni. Talab ukoll illi l-Qorti tiddikjara, jekk ikun hemm bżonn, li d-dar fejn jirresjedi l-esponent rikonvenzjonant tappartjeni lilu waħdu fi pjena u assoluta proprjetà, u li l-attrici ma għandha ebda jedd fuqha.

31. Jirriżulta mill-atti illi sussegwentement, u permezz ta' rikors datat 23 ta' Settembru 2019 *(vide fol 22 et seqq)* l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex

taħtar perit arkitett biex issir valutazzjoni tad-dar matrimonjali, jiġi stabbilit valur tax-xogħlijiet u benefikati li saru fil-fond matul iż-żwieġ u jistabbilixxi valur kurrenti għal dawk l-ammeljoramenti u benefikati. Tali talba da parti tal-attriċi saret *ai fini* tal-komputazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u s-sehem tagħha mill-istess. Minkejja li dan ir-rikors kien notifikat lill-appellant *seduta stante* nhar l-24 ta' Settembru 2019, kif jirriżulta mill-verbal *a fol 234*, b'dana illi l-appellant ingħata għaxart ijiem żmien għar-risposta, l-appellant ma ressaq l-ebda risposta u jidher illi ma ngħata l-ebda digriet f'dan ir-rigward.[2]

32. Kemm fir-rikors promotur u kif ukoll fir-rikors tat-23 ta' Settembru 2019, l-attriċi ma ppretendiet l-ebda dritt ta' abitazzjoni. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha però, u dana kif jidher *a fol 428* tal-atti, l-attriċi "issuġġeriet" illi tenut kont tal-fatt tal-età avvanzata tagħha li tipprekludiha milli tieħu self mill-Bank, il-Qorti għandha tagħtiha dritt ta' abitazzjoni *vita durante* fid-dar matrimonjali, u dan minkejja li tali fond huwa proprjetà parafernali ta' żewġha. Talbet ukoll illi jinħatar perit bl-għan li jikkonferma li tali proprjetà tista' tinqasam b'tali mod illi jkun hemm żewġ entraturi separati. Fin-nuqqas illi din il-Qorti ma tilqax tali talba, talbet illi minflok tintlaqa' t-talba tagħha hekk kif dedotta fir-rikors tat-23 ta' Settembru 2019.

[2] Il-Qorti *obiter* tosserva illi tul il-penendenza tal-proċeduri l-attrici kienet assistita minn diversi avukati difensuri.

33. Il-Qorti ħasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni u hija l-fehma tagħha illi ma tqisx illi d-diviżjoni fiżika tad-dar matrimonjali kienet is-soluzzjoni idejali. Il-Qorti tagħraf illi dak sottolineat mill-appellant huwa minnu; din il-kwistjoni tqajmet biss fl-istadju tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi u filfatt tul il-mori tal-proċeduri ma tressqu l-ebda provi tekniċi, konklużivi u konkreti dwar din il-possibiltà u jekk wara kollox tali opzjoni hijiex fil-prattika waħda vijabbli.

34. Il-Qorti hija konsapevoli tal-età avvanzata tal-partijiet, u tagħraf illi tali deċiżjonijiet huma diffiċli. Hija wkoll a konoxxenza tal-mezzi limitati tal-partijiet. Però tosserva illi l-fatt illi l-partijiet ma għarfux jaslu bejniethom fuq medda ta' seba' snin għal ftehim bonarju dwar min minnhom ser jirrisjedi fid-dar matrimonjali ma jawgura tajjeb xejn li jsibu l-ko-operazzjoni meħtieġa biex iwettqu flimkien id-diviżjoni fiżika tal-fond matrimonjali hekk kif ordnata mill-Ewwel Qorti. *Oltre* dan, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi tenut kont tal-qagħda finanzjarja tal-partijiet, sejjer ikun ferm diffiċli jekk mhux addirittura impossibbli, sabiex l-istess partijiet mill-pensjoni jħallsu minn buthom l-ispejjeż neċessarji għad-diviżjoni u l-ekwiparazzjoni.

35. F'dan il-każ jidher li deċiżjoni ta' qasma fiżika tal-fond fin-nuqqas ta' qbil taż-żewġ partijiet, ser toħloq fiha nfisha dewmien kif ukoll inċertezza dwar id-deċiżjonijiet anċillari li eventwalment iridu jingħataw

minn awtoritajiet diversi fil-qasam li, sintendi, m'humiex marbutin bis-sentenza tal-Qorti f'din il-kawża.

36. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, u ġaladarba tali talba għad-diviżjoni fiżika tad-dar matrimonjali ma kinitx waħda dedotta fir-rikors ġuramentat u lanqas fir-rikors *pendente lite* preżentat nhar it-23 ta' Settembru 2019, din il-Qorti, filwaqt illi sejra tilqa' dana l-aspett ta' dan l-aggravju safejn komputabbli mal-konsiderazzjonijiet hawn magħmula, u fid-dawl tal-fatt illi baqa' ma ngħatax digriet fuq ir-rikors *pendente lite* intavolat mill-attriċi nhar it-23 ta' Settembru 2019, tirritjeni illi din it-talba tiġi milqugħa permezz ta' din is-sentenza imma jkun iktar idoneju illi l-atti jerġgħu jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti bl-għan illi jiġi stabbilit valur għax-xogħlijiet u benefikati li saru fil-fond matrimonjali, u konsegwentement jiġi wkoll stabbilit is-sehem spettanti lill-attriċi. Din il-Qorti ma tqisx illi dak li xehdet l-attriċi fir-rigward il-kontribuzzjoni tagħha sabiex titlesta d-dar matrimonjali hija inverosimili. Din il-parti tax-xhieda tal-attriċi kienet dejjem waħda konsistenti, u għalhekk din il-Qorti ma tqisx illi għandha tiskarta dak rilevat mill-attriċi.

37. Għalhekk din il-parti ta' dana l-aggravju sakemm kompatibbli ma' dak ikkunsidrat *sopra*, qiegħed jiġi milqugħ.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, u għal dawn ir-raġunijiet, tiddeċiedi l-appell billi:

(1) Fl-ewwel lok tiddikjara illi l-indirizz korrett tal-fond matrimonjali huwa l-indirizz "“** ******* **** ***** ******, ******” u mhux l-indirizz “** ***** **** ***** ******”;

(2) Tilqa’ l-ewwel aggravju tal-appellant u għalhekk tirrevoka dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn laqgħet it-tieni talba prinċipali tal-attriċi appellata u kkundannat lill-esponent iħallasha s-somma ta’ mitt ewro (€100) fix-xahar bħala manteniment u minflok tordna illi l-ebda manteniment mhuwa dovut lill-attriċi għar-raġunijiet indikati *sopra* iżda l-attriċi tkompli tirċievi nofs il-pensjoni tal-konvenut;

(3) Tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant *stante* illi kif ikkunsidrat, l-Ewwel Qorti aġixxiet *entro* l-parametri tal-liġi u l-ġurisprudenza meta tat lill-appellata dritt ta’ abitazzjoni fid-dar matrimonjali minkejja li din tappartjeni lill-appellant;

(4) Tilqa’ t-tielet aggravju tal-appellant sakemm dan kompatibbli ma’ dak ikkunsidrat, b’dana illi tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ħatret perit sabiex jiddividi l-istess proprjetà b’mod komodament diviżibbli, b’tali mod li l-kontendenti t-tnejn jibqgħu jgħixu hemm; u kwantu ordnat li sakemm il-*meters* tad-dawl u ilma jistgħu jiġu installati separatament, l-esponent jibqa’ responsabbli għall-ħlas tal-kontijiet tad-

dawl u l-ilma, u minflok tħassar għal kollox dawk l-ordnijiet u provvedimenti u minflok tordna illi l-atti jerġgħu jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti bl-għan illi jiġi stabbilit valur għax-xogħlijiet u benefikati li saru fil-fond matrimonjali, u konsegwentement jiġi ukoll stabbilit is-sehem spettanti lill-attriċi liema sehem darba stabbilit irid jitħallas lill-attriċi mill-konvenut. L-attriċi ser ikollha tmintax-il xahar mindu jsir il-ħlas dovut sabiex tivvaka mid-dar matrimonjali fejn illum għadha tabita.

Mill-bqija s-sentenza appellata qiegħda tiġi kkonfermata.

L-ispejjeż tal-appell għandhom jinqasmu in kwantu għal terz ($^{1}/_{3}$) a karigu tal-appellant u żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) a karigu tal-appellata.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
ss